MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2006

Appell Civili Numru. 47/2005/1

**Mark Charles Kenneth Stephens**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell ta' Mark Charles Kenneth Stephens minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta'

Jannar 2006[1] li permezz taghha dik il-Qorti (fil-kompetenza Kostituzzjonali/Konvenzjonali taghha) cahdet it-talbiet tar-rikorrent Mark Charles Kenneth Stephens. L-imsemmi Stephens, fir-rikors promotorju tieghu tat-3 ta' Ottubru 2005, allega ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu kif protetti bl-Artikoli 5(3)(4) u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali minhabba l-fatt li l-Qorti Istruttorja li quddiemha huwa ngab akkuzat b'diversi reati konnessi ma' traffikar illegali ta' droga naqset, dejjem skond hu, milli tiddeciedi l-kwistjoni – minnu sollevata *in limine litis* – tal-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ta' Malta milli jiehdu konjizzjoni tal-kaz b'mod li tali nuqqas jincidi fuq il-legalita` ta' l-arrest tieghu. Tajjeb li wiehed jirrikapitola fil-qosor il-fatti li wasslu ghall-appell odjern.

2. Jibda biex jinghad li din hi t-tielet kawza kostituzzjonali li l-appellant odjern qieghed jaghmel fi ftit aktar minn sena. In fatti din il-Qorti, kif illum komposta, fit-23 ta' Novembru 2004 tat sentenza fl-ismijiet ***Dr Joseph Brincat bhala mandatarju specjali tal-assenti Mark Stephens v. L-Avukat Generali*** li permezz taghha irriformat decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (li minnha kienu appellaw kemm l-istess Stephens kif ukoll l-Avukat Generali) b'mod li, *inter alia*, mandat ta' arrest li kien gie mahrug mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-5 ta' Frar 2004 kien gie dikjarat null u bla effett "u dan biss minhabba li dak il-mandat ma setax jinhareg minn dik il-Qorti bis-sahha tal-Artikolu 397 tal-Kodici Kriminali"[2].

[1] Mhux "2005", kif erroneament indikat fil-kopja tas-sentenza li hemm fil-process.

[2] F'dik is-sentenza tat-23 ta' Novembru 2004, u precizament f'paragrafu 10 taghha, din il-Qorti kienet ukoll esprimiet ruhha hekk: **"Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kemm id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 5 u 48A tal-Kodici Kriminali, id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 23, kif ukoll l-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 u ma tarax kif l-appellant Stephens jista' b'xi mod jilmenta li l-arrest tieghu ma kienx "skond il-ligi" (ghall-finijiet tal-paragrafi (c) jew (f) tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni) minhabba nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali fir-rigward tal-fatti kif allegati kontra tieghu. Fil-fehma ta' din il-Qorti d-disposizzjoni tal-paragrafu (f) tal-Artikolu 22(1) tal-Kap. 101 taghti lok li jinhareg il-mandat ta' arrest bhalma nhareg f'dan il-kaz, u dan ghax il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali f'Malta ghandhom gurisdizzjoni fuq, u jistghu jipprocedu kontra, kull persuna li tassocja ruhha "ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta" sabiex tbiegh jew titraffika d-droga f'Malta (sottolinear ta' din il-Qorti). Fi kliem iehor, il-fatt ta' assocjazzjoni, bi skop ta' traffikar ta' droga f'Malta, li jsir kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jidher li hu kontemplat f'din il-ligi specjali bhala reat u ghalhekk jaqa' fil-kompetenza tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ta' Malta. Bhala ligi specjali,**

B'sentenza ohra ta' din il-Qorti, din id-darba diversament komposta, moghtiha fis-16 ta' Awissu 2005, fl-ismijiet ***Dr Joseph Brincat bhala mandatarju specjali ta' Mark Charles Stephens v. Avukat Generali***, giet konfermata sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li kienet cahdet talba ta' Stephens sabiex jigi dikjarat li l-arrest u d-detenzjoni tieghu fi Spanja fuq mandat ta' arrest mahrug mill-awtoritajiet Maltin – mhux l-istess mandat hawn aktar 'l fuq imsemmi, izda mandat iehor mahrug fit-23 ta' Novembru 2004 – kienu llegali.

3. In segwitu ghal proceduri ta' estradizzjoni Stephens ingab Malta, u fl-10 ta' Settembru 2005 tressaq taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fuq tliet imputazzjonijiet ta' assocjazzjoni ("conspiracy") fir-rigward tad-drogi kokajina, *ecstasy* u raza tal-*cannabis*. It-tliet imputazzjonijiet – ara kopja ta' l-inkartament tal-proceduri penali ezibit mill-Assistent Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali, bin-nota tieghu tas-

---

**anke jekk il-ligi generali fl-Artikolu 48A tal-Kodici Kriminali tipprovdi xort'ohra – ghax skond l-Artikolu 48A l-agent irid ikun f'Malta meta jassocja ruhu ma' persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta – tipprevali din il-ligi specjali in materja ta' traffikar ta' droga, u dan in vista proprju ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 5 tal-Kap. 23 – *"Kull disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali tghodd fil-kaz ta' reat ikkontemplat f'ligi specjali, hlief meta dik id-disposizzjoni ma tkunx kompatibbli mad-disposizzjonijiet ta' dik il-ligi"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Din il-Qorti tosserva inoltre li dan il-punt – u cioe` ta' jekk, meta l-*conspiracy* ssir barra minn Malta, ikunx hemm reat fil-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ta' dawn il-Gzejjer – kien gie deciz affermattivament mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-20 ta' April, 1995 fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v. Ali Mohamed Ali Knajber,* u dan fi zmien meta addirittura l-Artikolu 5 tal-Kodici Kriminali kien, f'certu sens, aktar restrittiv milli kif inhu llum. In fatti dak iz-zmien is-subartikolu (1) tal-Artkolu 5 tal-Kap. 9 kien jibda bil-kliem: *"L-azzjoni kriminali tista' titmexxa f'Malta, skond il-ligijiet taghha…"* . Illum, wara l-emendi introdotti fl-2002, l-istess disposizzjoni tibda bil-kliem: *"Bla hsara ghal kull disposizzjoni specjali ohra ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li taghti gurisdizzjoni lill-qrati f'Malta biex jiggudikaw reati, l-azzjoni kriminali tista' titmexxa f'Malta, skond il-ligijiet taghha…".* Fl-ahhar nett din il-Qorti tirrileva li hija taqbel mas-sottomissjoni ta' l-Avukat Generali li sabiex hija tiddetermina jekk hemmx il-"legalita`" ghall-fini tal-paragrafi (c) u/jew (f) tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, hija m'ghandhiex tuzurpa l-funzjoni tal-Qrati ta' Gustizzja Krminali li lilhom jispetta l-kompitu primarju li jinterpretaw id-disposizzjonijiet tal-ligi penali. Fi kliem iehor, anke jekk hemm, bhalma wiehed jista' forsi jargumenta li hemm, zewg interpretazzjonijiet plawsibbli ghall-paragrafu (f) tal-Artikolu 22(1) tal-Kap. 101 – u cioe` li l-agent li jikkongura irid ikun ghamel hekk f'Malta, kif qed jikkontendi Stephens, jew li l-agent jista' anke jikkongura meta huwa jkun fizikament barra minn Malta, bhalma rritenew f'diversi kazijiet il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna (ghalkemm xi mindaqqiet dan gie ritenut biss implicitament) – din il-Qorti ghandha tiddeciedi li l-arrest *de quo* sar "skond il-ligi". Konsegwentement dan l-aggravju ta' l-appellant Stephens qed jigi respint."**

7 ta’ Frar 2006 – jipotizzaw ir-reati kontemplati fl-Artikolu 120A(1)(f) tal-Kap. 31 ghal dak li jirrigwarda l-*ecstasy* u fl-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 ghal dak li jirrigwarda l-kokajina u r-raza tal-*cannabis* [3]. Kif appena deher quddiem il-Magistrat fl-10 ta’ Settembru 2005, u wara li l-ufficjal prosekutur ikkonferma bil-gurament ir-rapport tieghu skond kif mehtieg bl-Artikolu 390(1) tal-Kodici Kriminali izda qabel ma l-imputat gie ezaminat kif provdut fl-istess disposizzjoni, Stephens, permezz ta’ l-avukat difensur tieghu Dott. Joseph Brincat, ikkontesta li l-mandat ta’ arrest tat-23 ta’ Novembru 2004 mahrug

**“...when the person charged had no opportunity to be examined, contests that the procedure being followed is against and inviolation of Article 5(3) of the European Convention of Human Rights and this as explained in the following cases of the European Court namely *W v. Malta*, *Joseph Aquilina v. Malta* and in the extradition case *Kadem v. Malta*.”** [4]

Wara li dik il-Qorti semghet x’kellha xi tghid il-prosekuzzjoni dwar dan, dik il-Qorti pprovdiet hekk:

**“In regard to the above, the Court, having heard the parties, and in view of the fact that nothing was brought to the notice of this Court which could enable this Court to say that the person charged was brought before it without his arrest being justified, and moreover due to the fact that the Constitutional Court**

[3] Art. 120A(1)(f): **“Kull persuna …[li] tassocja ruhha ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex tbiegh jew tittraffika medicina f’Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu, jew li tippromovi, tikkostitwixxi, torganizza jew tiffinanzja l-assocjazzjoni…tkun hatja ta’ reat kontra dan l-artikolu.”** Art 22(1)(f): **“Kull min…jassocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibigh jew jittraffika medicina f’Malta kontra d-disposizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza, jew jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocjazzjoni…ikun hati ta’ reat kontra din l-Ordinanza.”**

[4] Jigi precisat li l-proceduri penali kontra Stephens qed jitmexxew bl-Ingliz – Stephens b’ebda mod ma oggezzjona li dawn jitmexxew hekk meta l-Magistrat, fil-bidu ta’ l-Istruttorja, ordna li l-proceduri jsiru bil-lingwa Ingliza – ara fol. 12 ta’ l-attijiet ta’ l-istruttorja. Ir-rikors promotorju ta’ din il-kawza kostituzzjonali, kif ukoll ir-rikors ta’ appell ta’ Stephens, saru bil-Malti; u din il-Qorti, fl-udjenza tas-26 ta’ Jannar 2006 ghal kull buon fini staqsiet lill-appellant jekk hu jifhimx bil-Malti, u l-appellant fisser li hu jifhem bil-Malti u talab li l-proceduri jsiru bil-Malti.

**in Malta has decided that the arrest warrant, issued by Magistrate Dr Abigail Lofaro and confirmed by Magistrate Dr Silvio Meli, was valid, this Court finds that, at this stage of the proceedings, the person charged was brought before this Court under arrest with justification in accordance with the law.”** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

4. Kif appena dik il-Qorti ppronunzjat ruhha hekk, sar l-interrogatorju ta’ l-imputat kif jipprovdu l-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali. Ghall-mistoqsija maghmula lill-imputat jekk iridx, u x’irid, iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, gie registrat is-segwenti:

**“In regard to whether the accused is going to plead guilty or not guilty as charged the same accused would like to point out that first of all he is contesting the Jurisdiction of the Maltese Courts to try him, secondly that the facts do not constitute in his regard any offence under the Laws of Malta and thirdly that he is not guilty of any fact alleged against him.**

**“For all intents and purposes of law, the Court having heard what has just been put down in the records of the proceedings is considering the accused as pleading to be not guilty as charged.”**

5. Wara li gie registrat dan, ma jirrizulta li saret ebda talba da parti ta’ Stephens sabiex din il-kwistjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qrati tigi b’xi mod dibattuta u deciza indipendentement mill-kumplament tal-proceduri ta’ l-istruttorja. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-verbali kollha tal-proceduri quddiem il-Qorti Istruttorja[5], mnejn jirrizulta li kien biss fl-udjenza tas-27 ta’ Settembru 2005 – udjenza li fiha l-partijiet ghamlu sottomissjonijiet estensivi dwar jekk dik il-Qorti kellhiex tiddeciedi li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta’ akkuza, Art. 401(2), Kap. 9 – li Stephens rega’ qajjem il-kwistjoni ta’ l-

[5] Verbali ta’ l-udjenzi ta’ l-20/9/05, 23/9/05, 26/9/05 u 27/9/05.

allegat nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ta' Malta li jiehdu konjizzjoni tar-reati lilu addebitati. Fid-decizjoni taghha tad-29 ta' Settembru 2005 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja qalet, *inter alia*, hekk:

**"It is this Court's considered opinion that the plea of jurisdiction, like the plea of prescription, is a plea which when decided, may result in a final acquittal. This plea therefore may only be decided by the Court of Criminal Justice [6] (barring the instances where the matter may be decided by the Magistrate's Court as a Court of Criminal Judicature subsequent to the consent, order or counter-order of the Attorney General)...This Court therefore, as a Court of Criminal Inquiry, declares that it is not the competent Court at law to take cognizance of any preliminary plea of jurisdiction and therefore abstains from doing so."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fl-istess digriet dik il-Qorti kkonkludiet li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza, u baghtet l-atti lill-Avukat Generali skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 401.

**Ir-rikors promotorju**

6. In segwitu ghal din id-decizjoni, Stephens adixxa l-Prim Awla tal-Qorti Civili permezz ta' rikors datat 3 ta' Ottubru 2005. F'dan ir-rikors huwa bazikament jikkontendi illi bil-fatt kif imxiet il-Qorti Istruttorja kemm fil-presentata tieghu kif ukoll meta giet biex tiddeciedi jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex huwa jitqieghed taht att ta' akkuza, dik il-Qorti naqset milli tiddeciedi dwar il-legalita` tal-arrest tieghu billi ma investietx il-kwistjoni tal-gurisdizzjoni. Huwa jallega wkoll li hlief ghall-Qorti Istruttorja, u d-decizjoni taghha mal-presentata u fl-istadju ta' l-Artikolu 401(2), ma kien hemm ebda mod iehor kif huwa seta' jikkontesta l-validita` ta' l-arrest tieghu u li din tigi deciza "malajr".

[6] Hawn hekk huwa evidenti li dik il-Qorti riedet tghid "by the Criminal Court".

Skond ir-rikorrent –illum appellant – il-provi kienu juru li kwalsiasi ftehim bejnu u bejn haddiehor, jekk sar, sar barra minn Malta, b'mod ghalhekk li ma kienx hemm reat taht il-ligi Maltija u ghalhekk il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ma kellhomx gurisdizzjoni fuqu, u, konsegwentement, il-kontinwazzjoni ta' l-arrest tieghu kienet illegali. Ghalhekk huwa talab li l-Prim Awla

**"(1) tiddikjara li kien hemm ksur tal-Artikolu 5(3) u l-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-proceduri mizmuma s'issa quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, (2) tiddikjara li l-arrest u d-detenzjoni kontinwata tal-esponent hija ghalhekk illegali u ghandu jitqieghed fil-liberta` (3) tiddikjara li l-fatti addebitati ma jikkostitwux reat skond il-ligi Maltija u dawn il-proceduri huma kontra l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea bil-potenzjalita` ta' sejbien ta' htija ta' fatt li ma jikkostitwix reat, (4) taghti r-rimedji effettiv[i] li fil-poter taghha ghandha biex tissana jew tilqa' ghall-vjolazzjonijiet imsemmija, [u] (5) takkorda kumpens ghall-istess vjolazzjonijiet; bl-ispejjez."**

L-Avukat Generali wiegeb, bazikament, illi Stephens kellu rimedju biex huwa, matul l-istruttorja, jikkontesta l-legalita` tal-arrest tieghu, u dan billi jippresenta rikors taht l-Artikolu 412B tal-Kodici Kriminali, haga li huwa naqas milli jaghmel. Inoltre l-intimat Avukat Generali fisser li l-kwistjoni tal-gurisdizzjoni kienet xi haga li trid tigi deciza wara ezami approfondit tal-aspetti kollha fattwali u legali, u ghalhekk tali ezami ma kienx jispetta lill-Qorti Istruttorja, li l-funzjoni principali taghha hija li tippreserva u tikkumpila l-provi u tiddeciedi biss fuq provi *prima facie*, izda kien jispetta lill-Qorti Superjuri (il-Qorti Kriminali), bi dritt ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fi kliem iehor, skond l-Avukat Generali, il-kwistjoni tal-gurisdizzjoni ghandha tigi ezaminata minn qorti li tista' tiddeciedi l-meritu tal-kawza u mhux mill-Qorti Istruttorja li ghandha funzjonijiet limitati. Fl-ahhar nett l-Avukat Generali fisser li l-kwistjoni tal-validita` jew legalita` tal-arrest ta' persuna hija separata u distinta mill-kwistjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Gustizzja

Kriminali – anke jekk, ghall-grazzja ta’ l-argument, ma kienx hemm din il-gurisdizzjoni, ma jfissirx li l-arrest, imsejjes fuq mandat li kien gie dikjarat mill-Qorti Kostituzzjonali bhala li huwa wiehed validu, kien illegali.

**Is-sentenza appellata**

7. B’sentenza moghtija fit-12 ta’ Jannar 2006, il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet tar-rikorrent Stephens, bl-ispejjez kontra tieghu, u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:

“L-argument tar-rikorrenti, fil-qosor, hu li bid-decizjoni tal-Qorti Istruttorja li tastjeni milli tiddeciedi l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ gurisdizzjoni, hu gie mcahhad mil-liberta` tieghu. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Persuna li titressaq quddiem Qorti taht arrest, ghandha d-dritt tikkontesta l-validita` tal-arrest u tad-decizjoni tieghu quddiem dik l-istess Qorti. Dan gie stabbilit mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem bis-sentenza taghha tad-19 ta’ Gunju, 2000, fil-kawza “Sabeur Ben Ali vs Malta”. Dik il-persuna ghandha ukoll ikollha d-dritt li titlob lil dik l-istess Qorti taghtih il-helsien mill-arrest, u dik l-istess Qorti ghandha jkollha l-poter, dak il-hin li titressaq taht arrest, li tordna l-helsien mill-arrest jew anke tichad tali talba. Dan mhux kontestat, izda r-rikorrent jallega li la darba l-Qorti Istruttorja ma tistax tiddeciedi fuq jekk il-Qrati Maltin ghandhomx gurisdizzjoni jisimghu l-kaz, dik l-istess Qorti qed tigi impeduta milli effettivament tindaga fuq il-legalita` tad-detenzjoni tieghu.

“Din il-Qorti tara li meta Qorti, li quddiemha persuna tingieb taht arrest, ghandha l-poter tindaga fuq il-legalita` tal-arrest, dan ma tridx taghmlu billi tezamina l-meritu innifsu tal-kaz. Kull eccezzjoni sollevata mill-akkuzat tista’ twassal ghall-helsien tieghu, *pero*`, dan irid isir wara li jinstemgha l-process gudizzjarju kollu. Il-Qorti li quddiemha titressaq persuna taht arrest, trid tara jekk proceduralment l-arrest kienx validu, misthoqq u skond il-ligi, u wara tara jekk ghandhiex tordna l-helsien tieghu fuq *bail.*

“Meta tinbeda l-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti Istruttorja, l-iskop ta’ dak l-istadju hu biex jingabru l-provi li jressaq l-Avukat Generali u, jekk irid, tad-difiza; mhux kompitu ta’ dik il-Qorti li tiddeciedi htija *o meno*. Dik il-Qorti ma tidholx fil-meritu tal-kaz li hu rizervat ghall-Qorti ta’ kompetenza kriminali, li quddiemha ghandhom jigu trattati eccezzjonijiet ta’ natura legali. Jekk il-kaz idum ma jingieb quddiem il-Qorti Kriminali, jew jekk il-process ta’ decizjoni fuq l-eccezzjoni ta’ gurisdizzjoni, idum ma jigi determinat, jista’ okkorrendo ikun hemm ksur tal-artikolu 6 tal-istess konvenzjoni minhabba *“dewmien”* zejjed, imma l-fatt li decizjonijiet legali huma riservati bil-ligi ghat-tieni stadju tal-process, flok l-ewwel, mhux *per se* ksur tal-Konvenzjoni Ewropea.

“Il-fatt li l-Qorti inkarigata mill-kumpilazzjoni tal-provi ghandha l-poter tiddeciedi fuq jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-akkuzat jitqieghed taht att tal-akkuza, ma jfissirx li hi ghandha tezami kwistjonijiet ta’ natura legali marbuta mal-kaz. Sa dak il-mument ma jkunx hemm att ta’ akkuza formali, u *kwindi* ma tistax tidderimi kwistjonijiet legali marbuta mal-akkuza li tkun ghad trid tigi formolata. Il-ligi taghti poter lil dik il-Qorti tezamina biss r-rizultanzi fattwali u tara jekk dawn jistghux iwasslu ghal-esistenza ta’ reat fil-konfront tal-akkuzat, izda mhux kompitu taghha li tidhol f’kwistjonijiet ta’ natura legali li jistghu iwasslu ghall-htija jew liberazzjoni tal-akkuzat. Dawk il-konsiderazzjonijiet huma riservati, bil-ligi, ghall-Qorti li tkun se tiddeciedi fuq il-meritu tal-kaz, u l-fatt li dan l-istharrig hu riservat ghall-istadju ulterjuri tal-process gudizzjarju, ma jmurx kontra l-artikolu invokati tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem.

“Il-kwistjoni tal-helsien tal-persuna, anke waqt il-pendenza tal-proceduri, hija ovvjament ta’ importanza kbira u, ghalhekk, m’ghandhiex tithalla ghat-tieni stadju tal-process gudizzjarju, izda l-ligi tista’ tirregola kif u meta ssostanza tar-reat ghandu jigi trattat, u m’hemm xejn hazin li dan jithalla ghat-tieni flok ghall-ewwel stadju tal-process kriminali. Diment li l-akkuzat jista’ jikkontesta n-nuqqas ta’ helsien tieghu fi stadju immedjat, il-fatt li l-ligi thalli l-istharrig tal-kaz fi stadju ulterjuri, ma jammontax

ghall-ksur ta’ xi dritt fundamentali, basta li ma jkunx hemm dewmien zejjed.

“In-natura ta’ investigazzjoni li trid taghmel Qorti li quddiemha jitressaq persuna taht arrest, mhux dak li tidhol fil-meritu, izda ta’ *“judicial review”*, biex tara jekk id-detenzjoni hijiex valida jew le. Dak biss hu mehtieg mill-Konvenzjoni Ewropea. L-artikolu 412B tal-Kodici Kriminali jipprovdi li dan ir-*“review”* jista’ jsir kull tant zmien, kull meta l-akkuzat ihoss li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tieghu qed tkun ta’ pregjudizzju ghalih. Il-Qorti aditta b’talba simili trid tezamina c-cirkustanzi kollha tal-kaz, minghajr, *pero’*, ma tidhol fil-meritu tal-kaz jew l-elementi essenzjali tieghu.

“Il-Qorti taqbel mal-intimat li l-kwistjoni tal-validita` tal-arrest u l-konsiderazzjoni tal-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni huma zewg affarijiet separati u distinti. Il-konvenzjoni titlob stharrig immedjat dwar il-legalita` *“tad-detenzjoni”*, mhux dwar il-validita` jew sostenibilita` tal-akkuzi megjuba kontra l-akkuzat.

“Fl-ahhar nett, din il-Qorti thoss li, dwar l-eccezzjoni infisha, dak li qalet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-paragrafu 10 tas-sentenza taghha fil-kawza fuq imsemmija (li kienet titratta wkoll ilment simili mir-rikorrent) ghandu certa rilevanza. Dik l-Onorabbli Qorti osservat hekk fuq din l-eccezzjoni:

*““Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kemm id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 u 48A tal-Kodici Kriminali, id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 23, kif ukoll l-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 u ma tarax kif l-appellant Stephens jista’ b’xi mod jilmenta li l-arrest tieghu ma kienx “skond il-ligi” (ghall-finijiet tal-paragrafi (c) jew (f) tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni) minhabba nuqqas ta’ gurisdizzjoni tal-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali fir-rigward tal-fatti kif allegati kontra tieghu. Fil-fehma ta’ din il-Qorti d-disposizzjoni tal-paragrafu (f) tal-Artikolu 22(1) tal-Kap. 101 taghti lok li jinhareg il-mandat ta’ arrest bhalma nhareg f’dan il-kaz, u dan ghax il-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali f’Malta ghandhom gurisdizzjoni fuq, u jistghu jipprocedu kontra, kull persuna li tassocja ruhha*

*“ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta” sabiex tbiegh jew titraffika d-droga f’Malta (sottolinear ta’ din il-Qorti). Fi kliem iehor, il-fatt ta’ assocjazzjoni, bi skop ta’ traffikar ta’ droga f’Malta, li jsir kemm f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jidher li hu kontemplat f’din il-ligi specjali bhala reat u ghalhekk jaqa’ fil-kompetenza tal-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali ta’ Malta. Bhala ligi specjali, anke jekk il-ligi generali fl-Artikolu 48A tal-Kodici Kriminali tipprovdi xort’ohra – ghax skond l-Artikolu 48A l-agent irid ikun f’Malta meta jassocja ruhu ma’ persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta – tipprevali din il-ligi specjali in materja ta’ traffikar ta’ droga, u dan in vista proprju ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 5 tal-Kap. 23 – “Kull disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali tghodd fil-kaz ta’ reat ikkontemplat f’ligi specjali, hlief meta dik id-disposizzjoni ma tkunx kompatibbli mad-disposizzjonijiet ta’ dik il-ligi” (sottolinear ta’ din il-Qorti)”*

“Minn din is-silta jidher li kien hemm stharrig provizorju fuq is-sottomissjoni tar-rikorrent, u gie deciz mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali li l-arrest tieghu kien, fil-fatt, skond il-ligi. Dak li r-rikorrent qed jilmenta li m’ghamlitx il-Qorti Istruttorja, f’dan il-kaz, ghamlitu l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali. Hu veru li r-rikorrent, f’dawn il-proceduri, qed jinvoka artikolu differenti tal-Konvenzjoni Ewropea, *pero`*, dan il-pronunzjament jista’ jservi ukoll ghall-ilment tar-rikorrenti, ghalkemm, kif intwera, din il-Qorti thoss li l-artikolu 5(3) u (4) invokati ma jirrikjediex stharrig fuq elementi tar-reat li bih persuna tkun se tigi akkuzata.

“F’dan l-istadju, kull referenza ghall-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa kompletament irrilevanti peress li l-process gudizzjarju kontra r-rikorrent ghadu ma giex terminat u ma instab hati ta’ ebda reat.

*“Inoltre* dak li jrid l-artikolu 7 huwa li r-reat, bhala tali, ikun jezisti fil-mument li jkun sar l-allegat reat. Jekk il-provedimenti statutarji tar-reat, umbaghad, japplikax ghall-kaz tal-persuna akkuzata b’dak ir-reat trid tarah biss il-Qorti Kriminali li tkun qed tisma’ l-kaz. F’dan il-kaz, ir-reat *per se* kien u ghadu jezisti, u *kwindi* l-vot tal-artikolu 7

huwa sodisfatt; jekk dak ir-reat japplikax ghar-rikorrenti irid, issa, jigi mistharreg fil-forum opportun."

**<u>L-appell ta' Stephens</u>**

8. Stephens appella minn din is-sentenza. Huwa effettivament rega' tenna l-posizzjoni tieghu li galadarba l-Qorti Istruttorja naqset milli taghmel dak li hija kellha taghmel, b'mod li ma gietx investita l-kwistjoni tal-legalita` tal-arrest (kontinwat) tieghu, allura kien hemm vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni aktar 'l fuq citati. Huwa fisser ukoll li l-Artikolu 412B tal-Kodici Kriminali ma kienx jaghti rimedju effettiv ghall-ilment tieghu ghax b'dana l-artikolu r-rikorrent li jinvokah jispicca bil-liberta` provvisorja taht garanzija jew depozitu u mhux mehlus kif jirrikjedi l-paragrafu (4) ta' l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. L-Avukat Generali, permezz tar-risposta tieghu tat-23 ta' Jannar 2006, bazikament tenna li s-sentenza appellata kienet gusta u kienet timmerita konferma. Il-partijiet trattaw l-appell fl-udjenzi tas-7 u tad-9 ta' Frar 2006.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwistjoni jew kwistjonijiet li huma l-bazi ta' din il-kawza gew ikkumplikati inutilment, u ta' dan jahti konsiderevolment l-istess appellant bil-mod xejn lineari – anzi b'mod *rambling* – kif qieghed l-argumenti tieghu kemm fir-rikors quddiem il-Prim Awla kif ukoll quddiem din il-Qorti.

10. Ma hemmx dubbju li meta persuna titressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati, sew bhala Qorti Istruttorja sew bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, dik il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina jekk dak l-arrest hux gustifikat jew le. Dan huwa l-iskop tad-disposizzjoni – relattivament gdida fil-Kodici Kriminali taghna – ta' l-Artikolu 574A. Kemm taht il-paragrafu (3) kif ukoll taht il-paragrafu (4) ta' l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni, il-*judicial review* – biex din il-Qorti tuza l-espressjoni wzata mill-Prim Awla fis-sentenza appellata – li trid issir, trid tinvesti kemm aspetti purament formali jew procedurali kif ukoll aspetti

aktar sostantivi li jkunu jirrigwardaw dak l-arrest. Dan ma jfissirx, mill-banda l-ohra, li tali Qorti, ma' l-ewwel gurnata jew mal-presentata, ghandha tiddetermina l-meritu, cioe` jekk l-imputat hux hati o meno ta' dak li huwa jkun gie akkuzat bih – ifisser biss li dik il-Qorti ghandha tinvesti dawk l-aspetti mehtiega sabiex, skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun tista' tiddetermina jekk "id-detenzjoni ta' l-akkuzat jew imputat...tkunx imsejsa fuq xi disposizzjoni [tal-Kodici Kriminali] jew ta' xi ligi ohra li tawtorizza l-arrest u d-detenzjoni tal-persuna arrestata..." (Art. 574A(6), Kap. 9).

Hekk, gja fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 1979 fil-kawza ***Schiesser v. Switzerland*** il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet esprimiet ruhha hekk:

**"...under Article 5 para. 3, there is both a procedural and a substantive requirement. The procedural requirement places the 'officer' under the obligation of hearing himself the individual brought before him; the substantive requirement imposes on him the obligations of reviewing the circumstances militating for or against detention, of deciding, by reference to legal criteria, whether there are reasons to justify detention and of ordering release if there are no such reasons."** [7]

Aktar recentement fis-sentenza ***Jecius v. Lithuania*** [8] l-istess Qorti, b'referenza ghall-paragrafu (4) ta' l-Artikolu 5 esprimiet ruhha hekk:

**"The Court reiterates that Article 5 § 4 of the Convention entitles arrested or detained persons to a review bearing upon the procedural and substantive conditions which are essential for the 'lawfulness', in Convention terms, of their deprivation of liberty. This means that the competent court has to examine not only compliance with the procedural requirements of domestic law but also the reasonableness of the**

[7] Para. 31.
[8] Deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fil-31 ta' Lulju 2000.

**suspicion underpinning the arrest and the legitimacy of the purpose pursued by the arrest and the ensuing detention (see the Brogan and Others v. the United Kingdom judgment of 29 November 1988, Series A no. 145-B, pp. 34-35, § 65). Article 5 § 4 guarantees no right, as such, to an appeal against decisions ordering or extending detention, as the provision speaks of "proceedings" and not of appeals. In principle, the intervention of one organ satisfies Article 5 § 4, on condition that the procedure followed has a judicial character and gives to the individual concerned guarantees appropriate to the kind of deprivation of liberty in question (see, *mutatis mutandis*, the De Wilde, Ooms and Versyp v. Belgium judgment of 18 June 1971, Series A no. 12, pp. 40-41, § 76).**

**"The Court notes that the Regional Court, in its decisions authorising the applicant's detention on remand, made no reference to his grievances about the unlawfulness of his detention...Furthermore, the Court of Appeal and the President of the Criminal Division of the Supreme Court acknowledged that the lawfulness of the applicant's detention was open to question, but failed to examine the applicant's complaints on account of the statutory bar as then in force...**

**"The civil proceedings brought by the applicant against the prison authorities were not relevant for the purpose of Article 5 § 4 as the civil courts were not competent to order the applicant's release, as may be required by that provision. In any event, in entertaining the applicant's civil action the courts confined themselves to examining whether there had been any formal orders authorising his detention, without assessing the underlying lawfulness of his detention on the basis of those orders....**

**"It follows that the applicant was denied the right to contest the procedural and substantive conditions**

**essential for the 'lawfulness' of his detention on remand."** [9]

U fis-sentenza ***H.L. v. United Kingdom***, moghtija fil-5 ta' Ottubru 2004, inghad hekk:

**"Article 5 § 4 provides the right to an individual deprived of his liberty to have the lawfulness of that detention reviewed by a court in the light, not only of domestic law requirements, but also of the text of the Convention, the general principles embodied therein and the aim of the restrictions permitted by paragraph 1: the scheme of Article 5 implies that the notion of "lawfulness" should have the same significance in paragraphs 1 (e) and 4 in relation to the same deprivation of liberty. This does not guarantee a right to review of such scope as to empower the court, on all aspects of the case, to substitute its own discretion for that of the decision-making authority. The review should, however, be wide enough to bear on those conditions which are essential for the lawful detention of a person, in this case, on the ground of unsoundness of mind (the above-cited *X v. the United Kingdom*, §§ 57-58, the above-cited *Ashingdane* judgment, § 52, *E. v. Norway*, cited above, § 50 and *Hutchison Reid v. the United Kingdom*, cited above, § 64)."** [10]

Fil-kaz citat mill-istess appellant, cioe` ***Yankov v. Bulgaria*** (sentenza moghtija fil-11 ta' Dicembru 2003), il-Qorti ta' Strasbourg esprimiet l-istess principju f'dawn it-termini:

**"The Court reiterates that arrested or detained persons are entitled to a review bearing upon the procedural and substantive conditions which are essential for the 'lawfulness', in the sense of the Convention, of their deprivation of liberty. This means**

---

[9] Paragrafi 100 u 101.
[10] Para. 135.

**that the competent court has to examine not only compliance with the procedural requirements set out in domestic law but also the reasonableness of the suspicion grounding the arrest and the legitimacy of the purpose pursued by the arrest and the ensuing detention…While Article 5(4) of the Convention does not impose an obligation to address every argument contained in the detainee's submissions, the judge examining appeals against detention must take into account concrete facts invoked by the detainee and capable of putting in doubt the existence of the conditions essential for the 'lawfulness', in the sense of the Convention, of the deprivation of liberty…"** [11]

11. Trasportati dawn il-principji fil-kuntest lokali, u applikati ghall-kaz konkret li ghandha quddiemha, din il-Qorti tasal ghal dawn il-konkluzjonijiet:

a. Ghalkemm huwa minnu, kif gustament josserva l-Avukat Generali, li l-kwistjoni tal-allegat nuqqas ta' gurisdizzzjoni tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ta' Malta mhux neccessarjament timpingi fuq il-legalita` ta' l-arrest ta' dak li jkun – bizzejjed wiehed jikkontempla s-sitwazzjoni tal-arrest ta' persuna f'Malta biex din tintbaghat f'pajjiz iehor li jkollu gurisdizzjoni biex jitratta dwar dak ir-reat – fil-kaz odjern l-appellant Stephens jinsab arrestat pendenti l-proceduri kontra tieghu li bdew fl-10 ta' Settembru 2005 proprju ghax hu gie imputat quddiem il-Qorti tal-Magistrati li ghamel xi haga li, skond il-prosekuzzjoni, tammonta ghal reat kontra l-ligi ta' Malta. Jekk wiehed kellu, ghal xi raguni jew ohra, jwarrab dik l-imputazzjoni jew dawk l-imputazzjonijiet, tigi nieqsa ghall-kollox ir-raguni ghall-arrest ta' l-istess imputat, ghall-anqas ghal dawk li huma l-proceduri inizjati bil-presentata tal-10 ta' Settembru 2005.

b. Ghalkemm din il-Qorti, fis-sentenza taghha tat-23 ta' Novembru 2004 fl-ismijiet ***Dr Joseph Brincat noe v. L-Avukat Generali*** kienet esprimiet ruhha – ara nota *in calce* nru 2, *supra* – fis-sens li kien jidher li ghall-finijiet ta'

[11] Paragrafi 184, 185.

l-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101, l-agent (i.e. il-persuna eventwalment akkuzata hawn Malta) seta' jkun barra minn Malta meta jassocja ruhu ma' persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta, ghall-finijiet ta' dak ir-reat (u b'analogija, ghalhekk, anke ghall-finijiet tar-reat kontemplat fl-Artikolu 120A(1)(f) tal-Kap 31), din il-Qorti kienet ghamlitha cara wkoll li kienet qed taqbel ma' l-Avukat Generali li l-interpretazzjoni tal-ligijiet penali hija primarjament funzjoni mhollija f'idejn il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali.

c. Ma hemmx dubbju li l-Qrati ta' Gustizzja Kriminali huma diversi – Qorti tal-Magistrati (b'zewg attribuzzjonijiet skond il-Kodici Kriminali[12]), Qorti tal-Minorenni[13], Qorti Kriminali, Qorti ta' l-Appell Kriminali – u lkoll ghandhom funzjonijiet diversi skond ma jiddelinea l-istess Kodici Kriminali jew ligijiet ohra. Hekk, per ezempju, il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ma tistax tuzurpa l-funzjoni tal-Qorti Kriminali jew tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

d. Meta l-appellant Stephens tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja fl-10 ta' Settembru 2005 huwa, kif diga` rajna, qajjem il-kwistjoni tal-validita` tal-*warrant* ta' arrest tat-23 ta' Novembru 2004. Dik il-Qorti, wara li semghet lill-partijiet, iddecidiet li ma kien ingab xejn sostanzjali quddiemha li a bazi tieghu hija setghet tghid li l-arrest ma kienx skond il-ligi. Waqt l-interrogatorju l-appellant Stephens – imputat quddiem dik il-Qorti – ivventila l-kwistjoni tal-gurisdizzjoni, pero` ma ghamel xejn aktar. Din il-Qorti, wara li rat il-kopja tal-atti ta' l-istruttorja li giet ezibita f'dawn il-proceduri, hi tal-fehma li, fic-cirkostanzi tal-kaz -- kemm minhabba l-mod kif din il-kwistjoni tqajmet (donnha *for record purposes only* u minghajr xi talba ghalbiex tigi b'xi mod approfondita f'dak l-istadju) kif ukoll minhabba li l-istess kwistjoni kienet effettivament, kif irrizulta wara, sottomissjoni li l-"fatti ma kienux jammontaw ghal reat" b'mod ghalhekk li l-Qorti Istruttorja kellha l-ewwel u qabel kollox tisma' certu provi qabel ma tkun tista' tindirizza l-istess kwistjoni -- dik il-Qorti sa dana l-istadju kienet wettqet id-dover taghha skond l-Artikolu

[12] Artikolu 367(1), Kap. 9; il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja taqdi wkoll il-funzjoni ta' Qorti Rimandanti skond l-Artikolu 15 tal-Kap. 276.
[13] Kap. 287.

574A tal-Kodici Kriminali b'mod li kien sostanzjalment jirrifletti dak li hu mehtieg kemm taht il-paragrafu (3) kif ukoll taht il-paragrafu (4) tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

e. F'gheluq il-kumpilazzjoni – u ghalhekk meta issa kienu nstemghu l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni kontra l-imsemmi Stephens – dik il-Qorti waslet fl-istadju li tiddeciedi jekk hemmx jew le "ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza" (Art. 401(2), Kap. 9). Ghalkemm, kif gustament josserva l-Avukat Generali, u kif anke, sa certu punt gustament osservat l-istess Qorti Istruttorja fid-digriet taghha tad-29 ta' Settembru 2005, il-Qorti Istruttorja m'ghandhiex tuzurpa l-funzjoni ta' Qrati ohra ta' Gustizzja Kriminali, madanakollu wiehed irid jara ezattament u fir-realta` x'kienet timplika il-kontestazzjoni ta' l-imputat li l-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ta' Malta ma kellhomx gurisdizzjoni jiehdu konjizzjoni tal-kaz tieghu, cioe` ta' dak li gie akkuzat bih.

f. Stephens ma kienx qed jissolleva l-kwistjoni tal-gurisdizzjoni fis-sens ta' kompetenza bejn il-Qorti tal-Magistrati ta' Malta u l-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex – Artikolu 372(1) tal-Kodici Kriminali – kompetenza li fit-test Ingliz tal-ligi hija tradotta bhala "jurisdiction". Anqas dik il-"jurisdiction" bejn il-Qorti Istruttorja u l-Qorti ta' Gudikatura Kriminali – Artikolu 371(1) – jew il-kompetenza (ukoll tradotta fit-test Ingliz bhala "jurisdiction") bejn il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – Artikolu 449(1)(a)(6). Dak li huwa kien qed jitlob li l-Qorti Istruttorja tiddeciedi fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 401(2) kien jekk kienx hemm il-presupposti fattwali li a bazi taghhom jista' jinghad li hemm "ragunijiet bizzejjed" biex huwa jitqieghed taht att ta' akkuza.

g. Ghalkemm generalment jinghad li l-Qorti Istruttorja, fl-istadju kontemplat fl-imsemmi Artikolu 401(2), tiddeciedi fuq bazi *prima facie*, dan ma jfissirx li d-decizjoni hija wahda "superficjali". Ifisser biss li, jekk ikun hemm provi mressqa mill-prosekuzzjoni li a bazi taghhom l-imputat jista' jinstab hati ta' reat fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali, anke jekk hemm provi ohra li jistghu igibu fix-xejn dawk il-provi, il-Qorti Istruttorja ghandha xorta wahda tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat

jitqieghed taht att ta' akkuza[14] – ghax altrimenti l-Qorti Istruttorja tkun qed taghmel apprezzament tal-provi li jispetta biss lill-Qorti Kriminali jew lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Pero` huwa certament fil-kompetenza tal-Qorti Istruttorja li tara jekk hemmx il-presupposti fattwali kollha tar-reat addebitat (jew ta' xi reat kompriz u involut f'dak addebitat), cioe` li l-elementi kollha tar-reat ikunu jirrizultaw imqar fuq bazi ta' probabbilita`. L-ezempju klassiku huwa ta' persuna li tigi akkuzata bir-ricettazzjoni ta' oggett allegatament misruq: jekk fi tmiem il-kumpilazzjoni, minkejja kull prova dwar il-prezz irrizorju li bih l-oggett ikun inxtara mill-imputat, jew dwar xi jkun haseb l-imputat fir-rigward tal-provenjenza tal-oggett li jkun xtara, ma jkunx hemm prova li l-oggett kien fil-fatt misruq, il-Qorti Istruttorja tkun altru milli gustifikata li tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Il-presupposti fattwali <u>jigu nieqsa wkoll</u> jekk il-fatti li jkunu rrizultaw matul il-kumpilazzjoni ma jkunux jammontaw ghar-reat addebitat, jew, bhalma qed jigi allegat f'dan il-kaz, <u>ma jkunux jammontaw ghal reat taht il-ligi penali ta' Malta</u>. Hekk, per ezempju, jekk l-imputat jigi akkuzat li seraq karozza, izda mill-provi jkun irrisulta li huwa veru seraq karozza, izda li s-serqa giet imwettqa f'pajjiz barra minn Malta u mhux f'Malta, il-Qorti Istruttorja tkun gustifikata tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza.

h. Fil-kaz in dizamina, l-appellant Stephens, quddiem il-Qorti Istruttorja allega li mill-provi kien jirrisulta, in pessima ipotesi, li huwa assocja ruhu ma' persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta <u>meta hu kien fizikament barra minn Malta</u>, u li konsegwentement ma kienx hemm reat taht il-ligi Maltija. Huwa <u>f'dan is-sens</u> li huwa eccepixxa l-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ta' Malta. F'dan is-sens, il-Qorti Istruttorja <u>setghet u kellha</u> tiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni fil-kwadru tad-decizjoni jekk kienx hemm jew le ragunijiet bizzejjed biex l-istess Stephens jitqieghed taht att ta'

[14] Anqas ma hu mehtieg li d-digriet ikun xi wiehed elaborat jew li jidhol f'xi dettal – is-semplici dikjarazzjoni li, wara li ezaminat l-atti, il-Qorti tkun waslet ghall-konkluzjoni li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza hija sufficjenti ghall-vot tal-ligi.

akkuza. Bid-decizjoni taghha skond l-Artikolu 401(2) dik il-Qorti kienet f'posizzjoni skond il-ligi li tiddetermina "malajr" (ghall-finijiet tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni) jekk l-imputat, li sa dak iz-zmien kien ghadu taht arrest proprju u minhabba biss l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu fl-10 ta' Settembru 2005, il-legalita` tad-detenzjoni kontinwata tieghu. Dan ma ghamlitux ghax espressament (ara paragrafu 5, *supra*) astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' l-hekk imsejha "plea of jurisdiction".

i. Fil-fehma tal-Qorti huwa irrelevanti li l-appellant seta' kellu rimedju iehor taht l-Artikolu 412B [15] tal-Kodici Kriminali. Galadarba kellu wkoll rimedju fl-istadju ta' l-Artikolu 401(2) u l-Qorti Istruttorja naqset f'dak l-istadju milli tiehu konjizzjoni ta' cirkostanza intimament marbuta mal-kwistjoni tal-legalita` tal-kontinwazzjoni ta' l-arrest tieghu, jigi li kien hemm lezjoni tad-dritt ta' l-appellant kif protett bil-paragrafu (4) ta' l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

j. Jigi osservat finalment li, kuntrarjament ghal dak li qalet il-Qorti Istruttorja fid-digriet taghha tad-29 ta' Settembru 2005, b'decizjoni fuq il-gurisdizzjoni (fis-sens premess, jigifieri li l-fatti kif jirrizultaw mill-provi ma jammontawx ghal reat taht il-ligi penali Maltija) fil-kuntest tal-Artikolu 401(2), fl-ipotesi li dik il-Qorti kellha tasal ghall-konkluzjoni li ma kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza, il-"liberazzjoni" konsegwenzjali ma tammontax ghal "acquittal" izda tammonta biss ghal "discharge", b'mod li jibqghu impregudikati s-setghat ta' l-Avukat Generali taht is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 433 tal-Kodici Kriminali. Parimenti, f'kaz li l-Qorti Istruttorja tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza, l-imputat jibqaghlu xorta wahda l-opportunità, fi stadju ulterjuri tal-process penali, li jikkontesta il-kwistjoni tal-"gurisdizzjoni" kif minnu sollevata *in limine litis*.

12. Fic-cirkostanzi ma hemmx ghalfejn li din il-Qorti tidhol biex tezamina l-kwistjoni sollevata permezz ta' l-appell odjern fid-dawl ta' l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

---

[15] Rimedju, dan taht l-Artikolu 412B, li din il-Qorti tqis li kien wiehed adegwat biex jindirizza l-lanjanza ta' l-imputat appellant fir-rigward ta' l-allegata detenzjoni illegali tieghu u mhux wiehed ta' nofs kedda kif qed jipprova jpingih l-istess appellant.

**<u>Decizjoni</u>**

13. Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell ta’ Mark Charles Kenneth Stephens, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tipprovdi dwar it-talbiet ta’ l-appellant kif migjuba fir-rikors promotorju tieghu tat-3 ta’ Ottubru 2005 limitatament kif gej:

i. tiddikjara li bil-fatt li l-Qorti Istruttorja, fil-kawza fl-ismijiet ***The Police (Supt. Neil Harrison and Insp. Norbert Ciappara) v. Mark Charles Kenneth Stephens***, bid-digriet taghha tad-29 ta’ Settembru 2005 astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni (kif aktar ‘l fuq imfisser f’dan il-gudikat) gie lez id-dritt ta’ l-istess appellant kif protett bl-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea;
ii. tordna lill-appellat Avukat Generali jhallas lill-appellant is-somma ta’ erba mitt lira (Lm400) bhala kumpens ghall-istess vjolazzjoni;
iii. thassar id-digriet imsemmi tal-Qorti Istruttorja tad-29 ta’ Settembru 2005 li permezz tieghu gie deciz li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat Mark Charles Kenneth Stephens jitqieghed taht att ta’ akkuza fir-rigward ta’ l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu fl-10 ta’ Settembru 2005, kif ukoll l-atti tal-procedura kollha sussegwenti ghal dak id-digriet, <u>u minflok</u> terga’ tqieghed lill-istess Mark Charles Kenneth Stephens fil-posizzjoni li kien fiha minnufih qabel dik id-decizjoni sabiex il-Qorti Istruttorja tiddeciedi mill-gdid jekk hemmx jew le ragunijiet bizzejjed biex huwa jitqieghed taht att ta’ akkuza wara li dik il-Qorti tiehu kont tal-eccezzjoni dwar il-gurisdizzjoni (fis-sens kif hawn aktar ‘l fuq imfisser f’dan il-gudikat).

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, specjalment in-novita` tal-kwistjoni legali, l-ispejjez kemm ta’ l-ewwel istanza kif ukoll ta’ dana l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi minnufih komunikata lir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------